**4 ta' Novembru, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Avukat Dr. Joseph Borg ne.

*versus*

Vincenzo Preca et.

**Komunjoni tal-Akkwisti — Permuta — Subasta.**

*Oġġett akkwistat mir-raġel fil-kors tal-komunjoni tal-akkwisti jidħol f'dik il-komunjoni anki jekk l-akkwist sar bis-saħħa ta' tpartit ta' dak l-oġġett ma' oġġett ieħor li r-raġel kellu qabel iż-żwieġ.*

*Jekk ir-raġel imut u ma tkunx għadha saret il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, dak l-oġġett ma jistgħax jingħad li hu tal-werrieta tar-raġel, kif lanqas jista' jingħad li hu tal-mara, l-armla tiegħu. Dak l-oġġett jibqa' tal-komunjoni tal-akkwisti tuttora ndiviża; u għalhekk ma jistgħax jiġi subastat fuq talba tal-kredituri tal-mara.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi b'eżekuzzjoni tal-mandat maħruġ minn dik il-Qorti fil-21 ta' Awissu 1959, fuq talba tal-konvenut Vincenzo Preca kontra l-konvenuta Dolores Mizzi, ġew maqbuda l-oġġetti ndikati fil-lista annessa mal-att taċ-ċitazzjoni u markata dok. "A"; u li fost l-oġġetti maqbudin hemm l-oġġetti ndikati fin-nota dok. "B" li huma tal-atturi aħwa Mizzi, kif jiġi pruvat waqt it-trattaz-

zjoni tal-kawża; talab li tiġi revokata l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid fuq imsemmi in kwantu għall-oġġetti speċifikati fin-nota dok. "B". Bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' April 1960, li biha, billi bil-provi li ġew prodotti t-talba rriżultat ġustifikata, iddeċidiet billi laqgħet l-istess talba, u kwindi ordnat illi l-eżekuzzjoni tal-mandat fuq riferit tiġi revokata in kwantu għall-oġġetti kollha deskritti fir-riferta tal-marixxall fil-fol. 4 tal-proċess, barra minn dawk deskritti taħt in-numri 1, 5, 8, 31, 34, 35, 49, 57, 62 u 99 fl-istess riferta, li għandha tifforma parti integrali minn dik is-sentenza; l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuta Dolores Mizzi;

Rat in-nota li biha l-imsemmi Vincenzo Preca appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li tiġi riformata, billi tiġi konfermata in kwantu ċaħdet it-talba attriċi rigward l-oġġetti deskritti taħt in-numri 1, 5, 8, 31, 34, 35, 49, 57, 62 u 99 fir-riferta tal-marixxall fol. 4 tal-proċess u fejn ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jiġu mħallsa mill-konvenuta Dolores Mizzi, u tiġi revokata in kwantu laqgħet it-talba attriċi għar-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat għall-oġġetti l-oħra kollha deskritti fl-imsemmija riferta; bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Għad illi fil-petizzjoni tal-appell l-appellant talab ir-revoka in ġenerali tas-sentenza appellata għar-rigward tal-oġġetti kollha li għalihom it-talba tal-attur nomine kienet ġiet milqugħa, bin-nota tiegħu fol. 39 u l-lista fol. 40-41 l-appellant illimita l-appell għar-rigward tal-oġġetti hemm speċifikati;

Bażi tal-pretensjoni tal-appellant hija illi fl-inventarju illi Dolores Mizzi kienet għamlet fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tas-16 ta' April 1951 (fol. 34) l-imsemmija oġġetti

*kienu ġew indikati minnha bħala formanti* parti *mill-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti* bejnha u żewġha Emmanuele Mizzi;

Iżda l-imsemmija Dolores Mizzi reġgħet xehdet quddiem din il-Qorti, u sostanzjalment ikkonfermat dak li kienet xehdet quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sens illi l-oġġetti kollha in kwistjoni (barra r-radio) inxtraw "qabel" iż-żwieġ u bi flus interament tar-raġel, u li għalhekk *ma kellha ebda* sehem ta' proprjetà fihom. Jekk fl-inventarju ddikjarat li kienu tal-komunjoni, dan għamlitu għax kienet taħt impressjoni ħażina;

Kwantu għar-radio (item nru. 80 fir-riferita tal-marixxall), Dolores Mizzi xehdet li r-raġel tagħha kien akkwistah wara ż-żwieġ bi tpartit ma' radio ieħor li kellu qabel iż-żwieġ;

Għad i'li r-radio akkwistat *b'dan il-mod daħal fil-komunjoni* tal-akkwisti, din il-Qorti hi ta' fehma li, peress li sa issa ma saretx il-likwidazzjoni, ma jistgħax jingħad li "rebus sic stantibus" l-attur nomine pprova li hu tat-tfal aħwa Mizzi. Lanqas *jista' jingħad li hu tal-konvenuta* Dolores Mizzi, debitriċi. Dak ir-radio għadu fil-komunjoni tal-akkwisti tuttora ndiviża, u f'dan l-istadju ma jistgħax jiġi subastat;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma *s-sentenza appellata, ħlief għar-radio, li però* ma jistgħax jiġi subastat qabel il-likwidazzjoni, "si et quatenus". Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellant.